

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2015 – Diesel vs UASI – Sprinter megacentros del deporte
(linja bil-kurvi u angolata)**

(Kawża T-521/15)

(2015/C 381/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Diesel SpA (Breganze, l-Italja) (rappreżentanti: A. Gaul, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Sprinter megacentros del deporte, SL (Elche, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkонтestata kkonċernata: trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' linja bil-kurvi jew angolata) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 404 019

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-18/06/2015 fil-Każ R 3291/2014-2

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2015 – Bimbo/UASI – Globo (Bimbo)

(Kawża T-528/15)

(2015/C 381/59)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Bimbo (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: J. Carbonell Callicó, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Globo SpA Servizi Commerciali (Illasi, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant għat-trade mark ikkcontestata: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkcontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali “Bimbo” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 028 405

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Lulju 2015, fil-Każijiet magħquda R 2512/2013-4 u R 2549/2013-4

Talbiet

- tirriforma d-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 65(3) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, billi tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 10 028 405 fil-klassi 28;
- sussidjarjament, u biss fil-każ li t-talba preċedenti tiġi miċħuda, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż, skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali [ex Artikolu 87(2)].

Motivi invokati

- Ksur tar-Regola 19(1), (2) u (3) u tar-Regola 20(1) tar-Regolament Nru 2868/95;
- Ksur tal-Artikolu 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-ġurisprudenza relatata miegħu;
- Ksur tal-Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2015 – Korea National Insurance Corporation
Zweigniederlassung Deutschland a.o. vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni**

(Kawża T-533/15)

(2015/C 381/60)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Korea National Insurance Corporation Zweigniederlassung Deutschland (Hamburg, il-Ġermanja), Kim Il Su (Pyongyang, Ir-Repubblika tal-Korea), Kang Song Sam (Hamburg), Choe Chun Sik (Pyongyang), Sin Kyu Nam (Pyongyang), Pak Chun San (Pyongyang), So Tong Myong (Pyongyang) (rappreżentanti: M. Lester u S. Midwinter, Barristers, T. Brentnall u A. Stevenson, Solicitors)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea